**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 124/2018**

**Kris Lanzon (KI 260983M)**

**vs**

**Colin McKenzie-Stewart u martu Susan McKenzie-Stewart**

**Illum, 02 t'Ottubru 2019**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

"1. Illi nhar it-18 t'Ottubru 2016, l-esponenti u l-intimat Colin McKenzie-Stewart dehru fuq skrittura ta' lokazzjoni li permezz taghha l-esponenti kkonceda lill-intimat b'titolu ta' kera, li accetta, il-maisonette fuq livell elevat, bin-numru mhux ufficcjali tnejn (2) fil-

blokka msemmija Montpellier Gardens, Triq Josef Kalleya b'access minn Triq il-Gizimin, Swieqi u l-garaxx bin-numru mhux ufficcjali tlettax (13). Din il-koncessjoni saret ghal perjodu ta' sentejn (2) di fermo b'effett mill-1 ta' Novembru 2016 u b' kera ta' elfejn seba' mija u hamsin Ewro (€2,750) kull xahar bil-quddiem (vide kopja tal-iskrittura ta' kera hawn annessa u mmarkata Dok A).

2. Illi l-intimati konjugi ghexu flimkien fl-imsemmija proprjeta' u matul l-ewwel hames (5) xhur tal-kirja, il-kera thallset puntwalment.

3. Illi madankollu l-intimati ma baqghux ihalsu l-kera, ma baqghux ihalsu l-utilitajiet u kkawza danni fil-proprjeta'. L-intimati vvakaw mill-proprjeta' qabel it-terminazzjoni tal-kirja u dan minghajr raguni u ghalkemm saru xi pagamenti, dawn saru sussegwentement sabiex jithallas il-bilanc dovut lill-esponenti u illum il-gurnata dawn il-pagamenti waqfu ghal kollox.

4. Illi l-intimati gew interpellati permezz ta' ittra interpellatorja datata 17 ta' Mejju 2018 sabiex ihallsu l-ammont dovut rapprezentanti kera, danni, utilitajiet mhux imhallsa u l-perjodu rimanenti tad-di fermo sa Novembru 20018, u dan fl-ammont globali ta' tlieta u hamsin elf sitt mija u tletin Ewro u erbgha u tmenin centezmi (€53,636.84) izda dawn baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jiddikjara l-intimati bhala debituri in solidum tar-rikorrent fl-ammont ta' tlieta u hamsin elf sitt mija sitta u tletin Ewro u erbgha u tmenin centezmi (€53,636.84);

2. Jikkundanna l-intimati in solidum sabiex ihallsu lir-rikorrent is-somma ta' tlieta u hamsin elf sitt mija sitta u tletin Ewro u erbgha u tmenin centezmi (€53,636.84).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Ra illi l-intimati ma prezentawx risposta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

**It-Talbiet tar-rikorrenti fl-qosor**

Illi f'din il-kawza r-rikorrent qed jitlob (i) dikjarazzjoni li l-intimati huma debituri in solidum tar-rikorrent fl-ammont ta' tlieta u hamsin elf sitt mija sitta u tletin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€53,636.84) u (ii) kundanna ghall-hlas ta' l-istess. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-intimati.

Illi l-intimati minkejja li debitament notifikati kif jirrizulta fuq in-naha ta' wara ta' pagna 16 tal-process, baqghu kontumaci mhux biss ghax ma prezentawx risposta kif trid il-ligi izda wkoll naqsu milli jidhru quddiem il-Bord biex jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti.

**Provi**

Illi fis-seduta tas-26 ta' Frar 2019, ir-rikorrent, a folio 21 et sequitur tal-process, ikkonferma bil-gurament it-talbiet tar-rikorrenti, u li l-intimati baqghu ma hallsux il-kera, u illi minn meta giet prezentata l-kawza l-fatti baqghu l-istess kif dikjarati fir-rikors promotur.

Illi fis-seduta tal-11 t'April 2019, xehed Ruben Bonnici rapprezentant tal-ARMS, a folio 34 et sequitur tal-process, u esebixxa diversi dokumenti (RB1, RB2 u RB3), fejn ikkonferma bil-gurament li l-hlas dovut ghall-kontijiet tad-dawl u ilma ghadu ma sarx.

Ikkunsidrat:

Illi l-intimati ma rribattew bl-ebda mod it-talbiet tar-rikorrenti.

Illi mill-provi prodotti t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati u konsegwentament jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u (i) Jiddikjara lill-intimati debituri in solidum tar-rikorrenti fl-ammont ta' tlieta u hamsin elf sitt mija sitta u tletin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€53,636.84) u (ii) Jikkundanna lill-intimati in solidum sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tlieta u hamsin elf sitt mija sitta u tletin Ewro u erbgha u tmenin centezmi (€53,636.84), bl-ispejjez tal-prezenti

procedura u bl-imghax legali kontra l-intimati mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur